MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI)
# MALTA

## MAGISTRAT DR.
## MALLIA MICHAEL LL.D.

Seduta ta' 28 ta' Ottubru, 2002

Avviz Numru. 501/2002

**Borg Transportation Limited**

**vs**

**Anthony u Esther konjugi Grima, f'isimhom proprju u flimkien u in solidum bejnithom bhala operaturi ta' Ventura Operators**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti:

1. ghall-hlas tas-somma ta' elf u mija u sebgha u tletin lira Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm1,137.93) prezz ta' diesel mibjugh u kkonsenjat lill-konvenuti fuq inkarigu tahhom stess, u

2. jikkonsenjaw lura, fi zmien qasir u perentorju li tistabilixxi din il-Qorti, tank tad-diesel installat fil-proprejta' tal-konvenuti mis-socjeta' attrici fuq inkarigu taghhom stess, appuntu sabiex fih jigi kkonsenjat id-diesel fuq

imsemmi, u fin-nuqqas li jaghmlu dan  fiz-zmien lilhom moghti, jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' sitt mija u sittin lira Maltin (Lm660.00), prezz ta' l-istess tank fuq imsemmi.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti inkluz l-ittra ufficjali tas-6 ta' Gunju, 2002, u bl-imghax kummercjali mid-data tal-konsenja sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-21 ta' Ottubru, 2002, li biha gie cedut parti mill-meritu u nzamm ferm il-kap ta' l-ispejjez.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fil-21 ta' Ottubru, 2002, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Filwaqt li tastjeni milli tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu s-somma ta' elf u mija u sebgha u tletin lira Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm1,137.93) stante c-cessjoni fuq imsemmija, tikkundannhom li fi zmien gimgha huma ghandhom jirritornaw tank tad-diesel installat fil-proprejta' taghhom mis-socjeta' attrici fuq inkarigu taghhom stess, appuntu sabiex fih jigi kkonsenjat id-diesel fuq imsemmi, u fin-nuqqas li jaghmlu dan  fiz-zmien lilhom moghti, jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' sitt mija u sittin lira Maltin (Lm660.00), prezz ta' l-istess tank fuq imsemmi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Anthony Zammit
Dep Reg.